# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 22**

**Rikors maħluf numru 186/1994/4 CFS**

**Francis *sive* Tarcisio Galea bħala direttur f'isem is-soċjetà *Tarcisio Galea Construction Limited***

***v.***

**Anthony Mario Vella bħala direttur f'isem is-soċjetà *Chequers' Inn Operators Limited***

1. Dan huwa appell tas-soċjetà konvenuta minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Jannar 2017 illi iddikjarat illi l-konvenuta waqfet milli tħallas id-djun tagħha fid-29 ta' Novembru 1993 u għalhekk hija fi stat ta' falliment, u ħatret kuratur tal-falliment.

2. Il-kawża nfetħet mis-soċjetà attriċi li, wara li fissret illi għandha tieħu tnejn u erbgħin elf lira ta' Malta (Lm42,000) – illum sebgħa u disgħin elf, tmien

mija u tlieta u tletin ewro (€97,833.68) – mingħand il-konvenuta, u għalxejn sejħitilha biex tħallas, u illi l-konvenuta għandha wkoll tagħti lil terzi, talbet illi l-qorti:

»1 tiddikjara li s-soċjetà konvenuta waqfet tħallas id-debiti tagħha;

»2. tistabilixxi l-ġurnata taċ-ċessazzjoni tal-pagamenti da parti tagħha;

»3. tiddikjara li l-istess soċjetà hi fi stat ta' falliment, u dan bi proċedura sommarja skond it-termini tal-artikolu 482(1)[1] tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta;

»4. tinnomina kuratur (wieħed jew iżjed) tas-soċjetà konvenuta falluta sabiex jeżercita l-funzjonijiet mogħtija lilu fl-imsemmi Kap. 13.«

3. Il-konvenuta ressqet eċċezzjoni, fost oħrajn, li biha ċaħdet li għandha tagħti lill-attriċi tnejn u erbgħin elf lira ta' Malta (Lm42,000). L-ewwel qorti, wara li laqgħet din l-eċċezzjoni għax dehrilha "illi l-attur *nomine* ma ressaqx prova sodisfaċjenti sabiex jispjega kif wasal għall-ammont ta' Lm42,000 u jekk dan l-ammont jew parti sostanzjali minnu tħallasx fil-mori tal-proċeduri", laqgħet it-talbiet tal-attriċi għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Skont artikolu 429(5) tal-Att dwar il-Kumpanniji, dawn il-proċeduri ta' falliment, għalkemm kontra kumpannija, għandhom jibqgħu regolati mill-Kodiċi tal-Kummerċ ladarba nbdew qabel l-1 ta' Jannar 1996 u *cioè* il-'jum stabbilit' *ai termini* ta' dak l-Att.

»Il-qorti kkunsidrat illi mill-provi prodotti huwa ċar illi s-socjetà konvenuta waqfet milli tħallas il-kredituri tagħha. Is-socjetà attriċi ressqet bħala xhieda rappreżentanti mill-Korporazzjoni *Telemalta*, *United Acceptance Finance Limited* u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li kkonfermaw li s-socjetà attriċi waqfet milli tħallas il-kontijiet tagħha. Minkejja li l-konvenut *nomine* ma ppermettiex illi jixhed ir-rappreżentant tal-*Bank of Valletta* peress li ma aċċettax li dan ix-xhud jiġi rilaxxat mill-obbligu tas-sigriet professjonarju bankjarju, il-konvenut *nomine* stess jikkonferma li huwa waqaf milli jħallas lill-kredituri tiegħu, inkluż il-bank imsemmi, tant illi huwa jgħid illi fuq talba tal-bank inbigħu proprjetajiet oħra tas-socjetà konvenuta bil-proċedura tas-*sub hasta*. Lanqas ma huwa kkontestat mill-konvenut *nomine* li minkejja li ġie kkundannat minn din il-qorti diversament presjeduta jħallas l-ammont ta' Lm35,058, illum €81,663, lis-socjetà attriċi bħala danni kkaġunati

[1] **482**. (1) Kull kreditur jista' wkoll, sew jekk il-kreditu tiegħu jkun kummerċjali jew le, u għalkemm dan il-kreditu jkun għad ma għalaqx, jaġixxi bi proċedura sommarja fil-Qorti Ċivili, Prim' Awla, kontra d-debitur jew ir-rappreżentant leġittimu tiegħu, u jitlob dikjarazzjoni li dan id-debitur hu fi stat ta' falliment.

fil-lukanda u ħlas għall-użu tagħha skont il-ftehim, dan l-ammont baqa' ma tħallasx mis-socjetà konvenuta.

»Huwa stabbilit illi l-punt meta kummerċjant jieqaf mill-ħlas tad-djun u għalhekk ikun fi stat ta' falliment huwa punt ta' fatt, … … …

»Skont il-ġurisprudenza tal-qrati tagħna, biex tingħata dikjarazzjoni ta' falliment huwa biżżejjed illi kummerċjant ikun waqaf mill-ħlas tad-djun tiegħu; m'huwiex meħtieġ illi jintwera wkoll illi ma għandux mnejn iħallas … … …

»Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-socjetà attriċi tgħid illi d-data ta' ċessazzjoni ta' pagamenti għandha tkun id-29 ta' Novembru 1993, u *cioè* d-data meta s-socjetà konvenuta ġiet notifikata bl-ittra uffiċjali interpellatorja tas-socjetà attriċi sabiex tħallas l-ammont dovut … … …

»Minkejja li kif diġà ngħad din il-qorti ma jirriżultalhiex jekk għadux dovut l-ammont ta' Lm42,000 mis-socjetà konvenuta, il-qorti hija sodisfatta mill-provi prodotti li, sa dakinhar li ġiet notifikata lilha l-ittra uffiċjali msemmija, is-socjetà konvenuta kienet waqfet milli tħallas lill-kredituri tagħha, senjatament dawk illi xehdu fil-mori ta' dawn il-… … … Dan qiegħed jingħad minkejja li fil-mori tal-proċeduri l-konvenut *nomine* għamel pagamenti akkont lill-Korporazzjoni *Enemalta* kif jirriżulta mix-xiehda ta' Anthony Bonello fil-kawża 23/1994. Dan għaliex kif ingħad fis-sentenza ta' din il-qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Victoria Cremona *et v.* Carmelo Chetcuti *pro et noe*, deċiża fit-13 ta' Jannar 2004:

> »"Il-fatt li saru xi ħlasijiet ma jfissirx illi *ipso facto* l-kummerċant ma għandux jitqies li waqaf mill-ħlas tad-djun. Il-kummerċjant ma jistax jaħrab mid-dikjarazzjoni ta' falliment, u mill-konsegwenzi li din iġġib magħha għall-ħarsien tal-interessi tal-kredituri li jibqgħu ma jitħallsux, billi jagħżel li jħallas xi wħud mid-djun tiegħu, u jagħżel hu liema jħallas".

»Il-fatt illi s-socjetà konvenuta għandha djun sostanzjali li m'humiex qegħdin jitħallsu, kif jikkonferma l-konvenut *nomine* stess, huwa prova biżżejjed sabiex titqies fi stat ta' falliment. Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi l-qorti sejra tistabbilixxi d-data tad-29 ta' Novembru 1993 bħala d-data meta s-socjetà konvenuta waqfet milli tħallas il-kredituri tagħha.

»Għar-raġunijet kollha premessi, il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt illi tilqa' t-tieni eċċezzjoni tas-socjetà konvenuta, tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħha u tiddikjara li s-socjetà konvenuta waqfet milli tħallas id-debiti tagħha fid-29 ta' Novembru 1993, tiddikjara li s-socjetà konvenuta hija fi stat ta' falliment u għaldaqstant taħtar lill-Avukat Dottor Stefano Filletti bħala kuratur tal-falliment bis-setgħat u d-dmirijiet skont it-Taqsima III tal-Kodiċi tal-Kummerċ u tiddifferixxi l-kawża … … … għall-eżami tal-inventarju li l-kuratur għandu jħejji skont l-artikolu 502 *et seq.* tal-Kodiċi tal-Kummerċ, għall-eżami tal-lista tal-kredituri skont l-artikolu 510(1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ u sabiex tissejjaħ laqgħa tal-kredituri skont l-artikolu 510(2) u (3) tal-Kodiċi tal-Kummerċ.«

4. Il-konvenuta appellat b'rikors tal-31 ta' Jannar 2017 li għalih l-attriċi ma weġbitx bil-miktub. L-aggravju tal-appell ġie mfisser hekk:

»… … … il-qorti qatt ma setgħet tiddeċiedi din il-kawża abbażi tal-artiklu 482(1) tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta imma setgħet biss tiddeċiedi rikors bħal dan abbażi tal-artiklu 218 tal-*Companies Act* 1995 u dan minhabba l-fatt li ġiet emendata l-liġi u kkwotat liġi li ġiet mibdula.

»*Di più* għandu jirrizulta ill Francis *sive* Tarcisio Galea kkometta spoll fit-8 ta' Diċembru 1993 u b'hekk l-esponenti ġie negat id-dritt tiegħu li jkollu pussess tal-*hotel* u tilef l-introjtu tiegħu minħabba dan il-fatt illegali u vjolenti.

»Huwa faċli li jingħad li l-esponenti waqaf milli jħallas id-dejn tiegħu u dan il-fatt biss iwassal għall-stat ta' falliment u dan minħabba l-fatt li kien proprju Francis *sive* Tarcisio Galea li waqqaf l-operat tal-*hotel*, keċċa lill-esponeneti mill-*hotel* u daħal fiha. *Di più* jirriżulta illi Francis *sive* Tarcisio Galea waqqa' l-*hotel* u bigħ l-appartamenti lil terzi u, minkejja li l-ewwel onorabbli qorti ordnat ir-redintegrazzjoni fil-pussess tal-lukanda *Chequers' Inn*, fil-Qorti tal-Appell din l-ordni ma seħħitx għax kien laħaq waqqa' l-lukanda u bnieha *flats* u bigħhom. Jiġifieri l-inġustizza baqgħet għaddejja.

»L-unika raġuni li saret din il-kawża mhiex għax l-esponenti ma ħallasx id-dejn imma minħabba l-fatt li hemm kawża oħra fejn l-esponenti għamel kawża għad-danni minħabba l-ispoll vjolenti li saret kontra tiegħu u li sofra d-danni. Jiġifieri li kieku l-qorti ordnat somma ta' danni dawn kienu jiġu miżmuma mill-likwidatur minħabba l-fatt li llum hemm likwidatur appuntat in segwitu tas-sentenza.

»Li huwa ċert huwa li l-krendituri ma intavolawx kawża għax kollha tħallsu d-debiti dovuti lejhom u li għalhekk ma kellhom ebda interess li din il-kumpannija tmur għall-istralċ. Kienet l-intenzjoni ħażina ta' Francis *sive* Tarcisio Galea li ħa l-liġi b'idejh u ra kif ser iħassar l-effett tal-azzoni illegali tiegħu. … … … [Ġ]ie deċiż minn din il-qorti illi l-esponenti ma għandux dejn dovuta lill-kumpannija attriċi u għalhekk l-onorabbli qorti ma setgħetx tiddeċiedi li din il-kumpannija hija fi stat ta' falliment. Hija inġustizzja li l-espoennti jsofri spoll vjolenti bil-konsegwenzi kollha li ġabet magħha u wara jagħmel kawża għall-stralċ għax hemm ammont zgħir hafna li ma tħallasx u juża krendituri oħrajn sabiex tintrebaħ din il-kawża.

»L-ewwel qorti … … … għarfet li kien hemm spoll vjolenti li meta għalhekk wiehed iwaqqaf ħesrem in-negozju dan ifisser illi introjtu ma jkunx hemm. Il-konsegwenza kienet li l-esponenti tilef il-garanzija li kellu però ħallas id-dejn li kien hemm.

»Ma nġabu ebda provi konkreti dwar id-dejn, minn min kien dovut u lil min, kif ukoll xehed Edmond Bartolo li kien l-*accountant* tas-soċjetà attriċi fejn qal li d-dejn kien paċut.

»In konklużjoni l-iskop ta' din il-kawża kienet sabiex tissalvagwardja eżitu negattiv fil-kawza 231/1994 ħalli jiġi salvagwardjat l-azzjonijiet illegali tas-soċjetà attriċi.«

5. Dwar l-argument illi l-kawża kellha titmexxa taħt id-disposizzjoniiet tal-Att dwar il-Kumpanniji ["Kap. 386"] u mhux taħt il-Kodiċi tal-Kummerċ, il-qorti tosserva illi l-art. 429(5) tal-Kap. 386 igħid hekk:

> »**429.** (5) Proċeduri ta' falliment mibdija kontra kumpannija qabel, fil-jum stabbilit jew fi żmien sitt xhur mill-jum stabbilit għandhom, wara l-jum stabbilit, ikomplu jkunu gvernati mid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Kodiċi tal-Kummerċ li għandhom x'jaqsmu ma' falliment.«

6. Il-"jum stabbilit" huwa l-1 ta' Jannar 1996 u l-kawża tallum infetħet fis-7 ta' Marzu 1994. Għalhekk tmexxiet sew taħt id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

7. Dwar l-argument tal-konvenuta illi ma għandhiex tagħti lill-attriċi, għandu jingħad illi b'sentenza mogħtija llum fil-kawża fl-ismijiet Anthony Mario Vella *noe v.* Francis Galea *et* (rik. nru 339/1994), fejn l-attriċi tallum hija konvenuta u l-konvenuta hija attriċi, l-attriċi tallum – *Tarcisio Galea Construction Limited* – ġiet ikkundannata tħallas lill-konvenuta tallum – *Chequers Inn Operators Limited* – is-somma ta' mitt elf ewro (€100,000) flimkien mal-imgħaxijiet fuqha b'seħħ minn dakinhar li nfetħet dik il-kawża. Il-*causa* ta' dan id-dejn tal-attriċi lejn il-konvenuta bejn wieħed u ieħor jikko-inċidi fiż-żmien mad-data meta s-sentenza appellata tgħid illi l-konvenuta għandha titqies li waqqfet il-ħlas tad-djun tagħha, u għalhekk meta sseħħ tpaċija d-dejn tal-konvenuta jintemm għax il-kreditu tagħha kontra l-attriċi kanonizzat bis-sentenza fil-kawża 339/1994 huwa aktar mis-somma ta' tnejn u erbgħin elf lira ta' Malta (Lm42,000), jew sebgħa u

disgħin elf, tmien mija u tlieta u tletin ewro (€97,833.68), pretiżi mill-attriċi fil-kawża tallum, għalkemm ukoll mhux aċċettati mill-ewwel qorti[2].

8. Tassew illi fiż-żmien relevanti kien hemm kredituri oħrajn, iżda dawn ma humiex parti f'din il-kawża u lanqas intervjenew. Biex setgħet issir din il-kawża l-attriċi kellu jkollha interess fiż-żmien relevanti, u jkollha dan l-interess jekk tassew kreditriċi li, kif rajna, ma hijiex.

9. Dan kollu jfisser li l-eċċezzjoni tal-konvenuta li ma għandhiex tagħti lill-attriċi għandha tintlaqa' mhux biss relattivament għall-*quantum*, kif laqgħetha l-ewwel qorti, iżda wkoll kwantu għall-eżistenza tad-dejn, bil-konsegwenza illi l-attriċi ma kellhiex interess ġuridiku li tmexxi b'din il-kawża u illi, għalhekk, it-talbiet tagħha ma setgħux jintlaqgħu kif laqgħet-hom l-ewwel qorti.

10. Il-qorti għalhekk tiddisponi mill-appell tal-konvenuta billi tilqgħu: tħassar is-sentenza appellata u teħles lill-attriċi mill-ħarsien tal-ġudizzju.

11. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm ta' dan l-appell, tħallashom is-soċjetà attriċi.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
da

---

[2] Fil-fatt il-kreditu ta' *Tarcisio Galea Construction Ltd* kontra *Chequers' Inn Operators Limited* ġie likwidat u kanonizzat b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Ottubru 2005 *in re* Francis Galea *noe v.* Anthony Mario Vella *noe* (ċitaz. nru 1433/1994) fis-somma ta' ħmistax-il elf u ħamsin lira u tnejn u tmenin ċenteżmu (Ln15,050.82), jew ħamsa u tletin elf u tmienja u ħamsin ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€35,058.98).